# Tagħrif fuq Ħal Kbir



Joseph Schembri

Jekk wieħed iħares lejn mappa ta' żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann, għandu jsib numru ta' ismijiet ta' rħula qodma li kienu mxerrdin ma' Malta kollha. Dawn kienu jikkonsistu fi ftit kmamar, għorof u rziezet mibnija qrib xulxin u bdew jissejħu Ħal jew Raħal. Missirijietna, qrib l-abitanti tagħhom, kienu jibnu xi kappella jew knisja żgħira biex taqdi l-ħtiġijiet tagħhom bħala Nsara. Kull wieħed minn dawn l-irħula kellu l-isem tiegħu.

L-ismijiet ta' dawn l-irħula ż-żgħar insibuhom miktubin f'bosta dokumenti f'atti notarili.[1] Dawn kienu magħrufin sewwa f'dawk iż-żminijiet u dan jurina kemm huwa qadim in-nisel tagħhom.

Ħal Kbir kien jinsab fejn illum hemm il-knisja tal-Providenza. Il-popolazzjoni ta' Ħal Kbir kienet ta'· 67 ruħ bi ħmistax-il dar. Kienu jgħidulu Ħal Kbir minħabba li x'aktarx kien l-akbar raħal ta' Malta f'dawk iż-żminijiet. Kellu miegħu medda ta' art kbira mhux ħażin, li kienet tmiss mal-baħar kważi sal-Magħlaq, Għar Lapsi, Ġanni l-Iswed u, aktar 'il fuq, fuq il-Fawwara u l-Wardija ta' San Ġorġ.

F'Ħal Kbir kien hemm xi kappelli jew knejjes li kienu:

1 **Il-knisja tal-Assunta**: Din kienet il-knisja prinċipali ta' Ħal Kbir. Fejn kien hemm din il-knisja għad hemm salib minqux fuq ġebla. Dan qiegħed fil-kantuniera tal-ħajt tal-ġardin li hemm mal-knisja tal-Providenza. Andrea Xara mill-Imdina kien bena din il-knisja għall-ħabta tas-sena 1549. Meta miet, huwa ndifen fiha. Din il-knisja kienet magħrufa bħala Santa Marija l-Ġdida. Fis-sena 1737 il-knisja kellha ħafna ħsarat strutturali u ma setgħetx tissewwa. L-Isqof Alpheran ipprofanaha. Fis-sena 1750, il-knisja nbniet mill-ġdid, imma ftit aktar 'il fuq, fejn tinsab illum, taħt it-titlu ġdid tal-Madonna tal-Providenza.[2]

2 **Santa Marija ta' Lapsi**: Fis-sena 1575, Mons. Dusina żar lil din il-knisja u sabha mħarbta għal kollox. Għalhekk ipprofanaha.[3]

3 **It-twelid tal-Madonna**: Din kienet magħrufa bħala "Ta' Ġioannet" u kienet mibnija fl-inħawi tal-Fawwara. Ġiet skonsagrata jew ipprofanata, kif kienu jgħidu fl-imgħoddi, fis-sena 1621, mill-Isqof Gagliares.[4]

4 **It-twelid tal-Madonna**: Kienet mibnija f''Tal-Imwieġel', in-naħa li jgħidulha 'Ta' Sliba'. Fis-seklu li għadda, fejn x'aktarx kien hemm din il-knisja, kien hemm salib minqux fuq ġebla; xi ħadd mhux magħruf qalgħu minn fejn kien u ħadu. Fis-sena 1615 Mario Attard kien jieħu ħsieb din il-knisja. Fis-sena 1658 din il-knisja ġiet ipprofanata.[5]

5 **Santa Marija Attabuni**: Fis-sena 1575, Mons. Dusina żar lil din il-knisja li kienet mibnija fl-għalqa li kellu Giovanni Muxi. Fost l-obbligi li dan kellu b'konnessjoni ma' din il-knisja, kien hemm li nhar il-festa għandu jsir l-ewwel għasar u tiġi ċċelebrata quddiesa. Barra minn dan, Dun Fridericus Attard, li kien rettur ta' benefiċċju li kien marbut ma' din il-knisja, kien obbligat li jqaddes quddiesa nhar il-festa.[6]

6 **Santa Ewfemja**: Fis-sena 1575, Mons. Dusina jgħidilna li kellha l-bibien tal-injam u altar biss. Angelo Mizzi, mis-Siġġiewi, li kien jieħu ħsieb din il-knisja, kellu l-obbligu li jagħmel l-ewwel għasar u quddiesa nhar il-festa. Il-knisja ma tissemma qatt aktar.[7]



7 **San Nikola**: Matul il-viżta appostolika ta' Mons. Dusina, fis-sena 1575, huwa sab din il-knisja mħarbta għal kollox u b'hekk ipprofanaha.[8] Din il-knisja x'aktarx li kienet fl-inħawi ta' Ħirbit Ħamiem (wara d-Dar tal-Providenza). Dan minħabba l-fatt li Mons. Dusina jgħidilna li kienet qrib il-knisja tal-Assunta (Tal-Knejjes). Ma' ħajt ta' għorfa bis-saqaf imwaqqa', kien hemm salib minqux fuq ġebla, li kien jindika li kien hemm knisja. Minn xi tliet snin 'l hawn, xi ħadd mhux magħruf qala' dan is-salib u minfloku poġġa ieħor komuni.

8 **San Ġorġ**: Il-knisja kienet qiegħda fl-inħawi ta' Lapsi. Fis-sena 1575, Mons. Dusina jgħid li fiha huwa kien sab altar biss. Kienet bla bibien u bla paviment. Huwa pprofanaha u ttrasferixxa l-obbligi li kellha għall-knisja ta' Ħal Kbir jew inkella għall-knisja parrokkjali. Wara dan ma tissemma qatt aktar.[9]

9 **San Ġorġ ta' Tartube**: Meta Mons. Dusina żar din il-knisja fl-1575 huwa sabha qed tiġġarraf u fiha ma kienx qed isir quddies minħabba l-istat li kienet fih. Huwa ordna biex tingħalaq għal kollox u l-obbligi li kellha jmorru fil-parroċċa.[10]

10 **San Lawrenz**: Imsemmija minn Mons. Dusina fl-1575. Kienet mibnija fuq art tal-propjetà ta' Giuseppe Farrugia li kellu l-obbligu li jagħmel il-festa ta' San Lawrenz bl-ewwel għasar u quddiesa. Matul il-viżti pastorali tas-seklu 16 ma tissemma qatt aktar.[11]

11 **Santa Sofija**: Biċċa art in-naħa tal-knisja tal-Providenza għadha magħrufa bħala ta' Santa Sofija fejn hawn x'aktarx li kienet mibnija din il-knisja. Giovanni Xara kien jieħu ħsieb il-knisja. Insibu li fis-sena 1598 kellha altar żgħir li ma kienx adattat għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Il-kappillan tas-Siġġiewi kien ikanta l-ewwel għasar u jqaddes il-quddiesa kif kien mitlub li jagħmel minn GioMaria Xara.[12]

*Is-salib f'tal-Knejjes fejn fl-imgħoddi kien hemm il-knisja tat-Twelid tal-Madonna*



12 **Santa Marija tal-Knejjes**: Fis-sena 1575, meta Mons. Dusina żar lil din il-knisja, sab li kellha altar wieħed biss u ma kellhiex bibien. Huwa ordna li ma jsirx aktar quddies fiha, jekk kemm-il darba ma jsirux il-bibien tal-injam; inkella l-obbligi li kellha jiġu ttrasferiti għall-knisja ta' Ħal Kbir.

Fis-sena 1598 Mons. Tommaso Gargallo jgħid li din il-knisja qiegħda fit-territorju ta' Petra Nigra jew tal-Ħaġra s-Sewda (mas-sajjieda dan il-post kien magħruf bħala Ġanni l-Iswed, li jiġi taħt l-impjant tar-*Reverse Osmosis* tax-Xagħra ta' Lapsi). Kompla jgħid li sal-1598 il-knisja baqgħet l-istess bħalma kienet fl-1575. Ta' min isemmi li din il-knisja kienet mibnija b'xi kolonni – *edificatum quibusdam columnis intermediis* – u minn fuqhom kienu jitilgħu tliet ħnejjiet tan-navati, waħda fuq kull naħa. Taħt il-knisja kien hemm ċimiterju li kont tinżel għalih minn taraġ maġenb l-istess knisja.





Mario Ciantar minn Ħal Kbir, li kellu għalqa ħdejn il-knisja, kellu l-obbligu li jħallas għall-quddies tal-ħames festi prinċipali tal-Madonna li kienu: l-Assunta, il-Lunzjata, il-Vitorja, il-Viżitazzjoni u l-Purifikazzjoni. Imma nhar il-Lunzjata, barra l-quddiesa, kellu jħallas biex isir l-għasar u jagħmel żerda (ikla li kienet tikkonsisti f'biċċa ftira u xi nbid) lil kull min jieħu sehem.

Mons. Gargallo ma kellux għażla oħra x'jagħmel u ordna t-trasferiment tal-obbligi li kellha għall-knisja tat-Twelid tal-Madonna f'Ħal Kbir. Kellhom ukoll jibdew jixegħlu l-lampier fil-Ħdud u fil-festi tal-praċett u fi żmien erba' xhur kellha titneħħa għal kollox il-knisja. Madwar iċ-ċimiterju kellu jinbena ħajt.[13]

## Konklużjoni

Minn dak li rajna fuq dawn il-knejjes, l-antenati tagħna ma tantx setgħu jżommuhom fi stat tajjeb. Huma kellhom iħabbtu wiċċhom ma' ħafna problemi li kienu l-ħbit għall-għarrieda mill-furbani, il-mard u l-faqar li kien jeżisti.[14] B'dan il-gwaj kollu jiġri ma' saqajhom huma ma setgħux jieħdu ħsieb sewwa dawn il-knejjes li huma kellhom.

***Riferenzi***

1 Godfrey Wettinger – Place Names of the Maltese Islands ca 1300 – 1800
2 Rev. Mons.Vincent Borg – Marian Devotions in the Island of St. Paul – p.22
3 Rev. Mons. Vincent Borg – Melita Sacra (MS) II, p.617 note 15
4 MS II – p.632 note 6
5 MS II – p.632 note 7
6 MS II – p.617 note 14
7 MS II – p.685 note 1
8 MS II – p.710 note 25
9 MS II – p.687 note 9
10 MS II – p.687 note 10
11 MS II – p.696 note 2
12 MS II – p.719 note 2
13 MS II – p.631 note 4
Fuq iċ-ċimiterju – Salvu Spiteri (Smina), bidwi mis-Siġġiewi, kellu għalqa u bir fiha f'Tal-Knejjes u darba qal: "Meta kont tifel, missieri ħammel il-bir u minnu tella' kwantità kbira ta' għadam imfarrak."
14 Rev. Ġużeppi Micallef - Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha, p.3